

## Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jikkontesta b'mod partikolari l-punti 69 u 71, 73 sa 77, 83 sa 91, 109 sa 116, 126 sa 139, 149 u 150 tas-sentenza appellata. Huwa jiżviluppa aggravju uniku insuffiċjenzi u ineżatt fid-dritt.

### **Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Ġermanja) fit-13 ta' Settembru 2021 – ZS vs Zweckverband “Kommunale Informationsverarbeitung Sachsen” KISA, Körperschaft des öffentlichen Rechts**

(**Kawża C-560/21**)

(2022/C 37/12)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

## Qorti tar-rinviju

Bundesarbeitsgericht

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: ZS

Konvenut: Zweckverband “Kommunale Informationsverarbeitung Sachsen” KISA, Körperschaft des öffentlichen Rechts

## Domandi preliminari

- It-tieni sentenza tal-Artikolu 38(3) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fizċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (1) għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, bħalma hija f'dan il-każ l-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(4) tal-Bundesdatenschutzgesetz (il-Liġi Federali dwar il-Protezzjoni tad-Data), li torbot it-tkeċċija tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data mill-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar tad-data, li jkun il-persuna li timpjega lil dan l-uffiċjal, mar-rekwiżiż li huma spċifikati fiha, u dan irriスピettivamente minn jekk din it-tkeċċija tkunx dovuta jew le għat-twettiq tal-kompli tiegħu?

Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

- It-tieni sentenza tal-Artikolu 38(3) tar-Regolament 2016/679 hija bbażata fuq bażi legali suffiċjenzi, b'mod partikolari sa fejn tkopri l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data li jkollhom relazzjoni ta' xogħol mal-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar tad-data?

(1) ġu 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ġu 2018, L 127, p. 2.

### **Appell ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2021 minn DD mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (ir-Raba' Awla) fl-14 ta' Luju 2021 fil-Kawża T-632/19, DD vs FRA**

(**Kawża C-587/21 P**)

(2022/C 37/13)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Appellant: DD (rappreżentant: N. Lorenz, Rechtsanwältin)

Parti oħra fil-proċedura: Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali

## Talbiet

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza appellata kollha kemm hi,
- konsegwentement,
- tannulla d-deċiżjoni tad-direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) tad-19 ta' Novembru 2018, li tiċħad it-talba tal-appellant taħt l-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal;
- jekk ikun meħtieġ, tannulla d-deċiżjoni tad-direttur tal-FRA tat-12 ta' Ġunju 2018, riċevuta fit-13 ta' Ġunju 2018, li tiċħad l-ilment taħt l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, diretta mill-appellant kontra d-deċiżjoni msemmija hawn fuq tad-19 ta' Novembru 2019;
- tagħti lill-appellant kumpens għad-dannu morali li huwa sofra, kif iddettaljat f'dan l-appell, stmat *ex aequo et bono* għal EUR 100 000;
- tikkundanna lill-FRA għall-ispejjeż kollha.

## Aggravji u argumenti prinċipali

Żball ta' liġi u żnaturament tal-provi rigward l-espożizzjoni tal-fatti.

Żball ta' liġi u ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali rigward l-ewwel kap ta' illegalità.

Żball ta' liġi, ksur tal-awtorità ta' *res judicata*, motivazzjoni insuffiċjenti, nuqqas ta' teħid ta' deċiżjoni fuq kap ta' talbiet tal-appellant, żnaturament tal-provi rigward it-tieni kap ta' illegalità.

Żball ta' liġi, żball manifest ta' evalwazzjoni u motivazzjoni insuffiċjenti rigward it-tielet kap ta' illegalità.

Żball ta' liġi, żnaturament tal-provi, żball manifest ta' evalwazzjoni, aggravju bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġeneralis aġixxiet *ultra vires u ultra petita*, aggravju bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġeneralis ċaħdet b'mod żbaljat l-offerta tal-appellant li jipprodu fuq talba dokument li kien rilevanti għall-kawża u motivazzjoni insuffiċjenti rigward ir-raba' kap ta' illegalità.

Żball ta' liġi, motivazzjoni insuffiċjenti, klassifikazzjoni ġuridika żbaljata tal-fatti, żnaturament tal-provi u żball manifest ta' evalwazzjoni rigward il-ħames kap ta' illegalità.

Żball ta' liġi, żnaturament tal-provi, nuqqas ta' teħid ta' deċiżjoni fuq kap ta' talbiet tal-appellant, klassifikazzjoni ġuridika żbaljata, aggravju bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġeneralis aġixxiet *ultra petita*, aggravju bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġeneralis ċaħdet b'mod żbaljat it-talba tal-appellant li tordna l-produzzjoni ta' dokument rilevanti għall-kawża, eżami mhux komplet tat-talba u aggravju bbażat fuq fastidju invokat mill-appellant rigward is-sitt kap ta' illegalità.

Żball ta' liġi rigward is-sejjjoni dwar ir-realtà tad-dannu allegat u ta' rabta ta' kawżjalitā.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Areios Pagos (il-Greċja) fit-23 ta' Settembru 2021 – Charles Taylor Adjusting Limited, FD vs Starlight Shipping Company, Overseas Marine Enterprises INC**

**(Kawża C-590/21)**

**(2022/C 37/14)**

**Lingwa tal-kawża: il-Grieg**

## Qorti tar-rinviju

Areios Pagos.